**Il-Kollezzjoni tal-Muniti ta' l-Istorja Marittima Maltija (1984-1986)**



L-istorja marittima ta' Malta hi mogħnija bi tradizzjonijiet li jmorru lura ħafna snin. Sabiex dawn it-tradizzjonijiet jinżammu għal uliedna, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ tliet settijiet ta' erba' muniti l-wieħed li juru imriekeb kummerċjali Maltin. L-għan tas-sensiela sħiħa ta' tnax-il munita kien li jemfasizza l-bidliet il-kbar fil-mezzi tat-tbaħħir Maltin li seħħew minn wara l-ewwel għaxar snin tas-seklu dsatax sal-lum permezz ta' eżempji rappreżentattivi ta' l-imriekeb li kellhom il-merkanti Maltin miż-żmien kbir tal-qlugħ sal-vapuri li jaħdmu bil-faħam u l-vapuri li jaħdmu bid-diżil. Ta' min jinnota li l-kotra ta' l-imriekeb tal-qlugħ, jekk mhux kollha, mibnija matul is-seklu dsatax kienu jitfasslu minn periti navali lokali u jinbnew f'tarznari Maltin. L-ewwel ħamsin sena tas-seklu dsatax kienu għal Malta tassew snin tad-deheb tal-bini ta' l-imriekeb u tal-kummerċ bil-baħar. Imriekeb tal-qlugħ, barki sammi, brigantini ħfief u skejjen mislutin Maltin ta' kull sura u daqs kienu jikkummerċjaw kull fejn setgħu jitqandlu t-tagħbijiet, fiċ-ċentri l-ewlenin kollha tal-kummerċ tal-Mediterran. Ħafna kienu jintefgħu għall-kummerċ fil-qamħ u x-xgħir ma' l-artijiet ta' madwar il-Baħar l-Iswed, filwaqt li oħrajn kienu jagħtu servizz regulari u ħafif mill-portijiet ta' l-Ewropa tat-Tramuntana għall-Mediterran u l-Baħar l-Iswed. X'uħud kienu saħansitra jbaħħru sa l-Amerki. Il-ħarġa ta' l-Istorja Marittima kien fiha tnax-il munita, li nħarġu erbgħa kull sena fis-snin 1984-1986. Id-disinni jkopru medda ta' 170 sena ta' biċċiet tal-baħar lokali mill-"Istranġier" ta' l-1813 sal-vapur tas-*Sea Malta* "Dwejra II", li għadu jaħdem sal-lum. Ix-xogħol biex jitwettqu d-disinni ta' din is-sensiela kien ingħata lis-Sur Noel Galea Bason. **"WIGNACOURT"**: Dan il-bark kien tlesta fl-1844, u s-sidien tiegħu kienu Giuseppe Garcin, Antonio Borg u Salvatore Isouard, merkanti mill-Belt Valletta. Kien jintuża l-aktar fir-rotot bejn l-Ingilterra, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed u kien meqjus bħala wieħed mill-eħfef fost l-imriekeb Maltin ta' dak iż-żmien, kif kienu jixhdu l-bosta vjaġġi ħfief li kien jagħmel minn Kostantinopli. B'kollox kien jiżen 436 tunellata. **"TIGRE"**: Is-sidien ta' din il-barkentina, li kienet inbniet fl-1839, kienu wkoll il-familja Tagliaferro. Din kienet tiżen b'kollox 436 tunellata u kienet tbaħħar bejn il-bosta rotot tal-flotta Tagliaferro.. Kien wieħed mill-akbar imriekeb ta' din is-sura tal-flotta merkantili Maltija. **"STRANĠIER":** Mirkeb b'tagħmira sħiħa qlugħ ta' 263 tunellata mibni fl-1813, li sidu l-ewwel kien John R. Stuart, merkant mill-Belt u sid ta' bosta mriekeb, li mbagħad kien biegħu lil Biagio Tagliaferro, missier il-flotta merkantili Maltija. L-aktar li kien jintuża kien bejn l-Ingilterra u l-Mediterran, u kultant fil-Baħar l-Iswed. **"PROVIDENZA"**: Brigantin ta' 235 tunellata u eżempju tal-klassi ta' daqs kbir ta'

dan it-tip ta’ mirkeb mibnija mit-tarznari Maltin għal sidien kemm Maltin kif ukoll barranin. Kien inbena fl-1825 fuq ordni ta’ B. Tagliaferro, li kien jużah għall-kummerċ tiegħu tal-qamħ u x-xgħir fil-Baħar l-Iswed.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta’ muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Jixbah lill-Proof | Lm5 | 35.2 | 20 | 0.925 | 15,000 |